MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1206/2002/1

**Atlas Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Tabib Kirurgu Frederick Zammit Maempel**

**Vs**

**Simon Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm227.35) hlas li sar lill-attur bhala konsegwenza ta' incident tat-traffiku li sehh fis-16 ta' Lulju 2001 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru JAA 201 huwa habat mal-vettura bin-numru SUZ 356 propjeta tat-tabib kirurgu Frederick Zammit Maempel u misjuqa minn Suzette Zammit Maempel – ghal

liema incident il-konvenut huwa unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fis-16 ta' Lulju 2001 sehh incident tat-traffiku fi Triq Annidale Preca, Lija bejn il-vettura SUZ 356 (misjuqa minn Suzette Zammit Maempel) u l-vettura JAA 201misjuqa mill-konvenut.

2. It-Tribunal zamm access fuq il-post ta' l-incident fis-6 ta' Dicembru 2002. M'huwiex kontestat li:

(a) Triq Annidale Preca hija triq principali f'zona mibnija, u fejn sehh l-incident ighaddu vetturi mid-direzzjoni opposta ta' xulxin;

(b) Il-vettura misjuqa mill-konvenut harget minn triq sekondarja (Triq Mirakli);

(c) Fil-hin ta' l-incident il-vettura SUZ 356 ma kenitx qeghda tinstaq fuq in-naha tax-xellug;

(d) F'nofs Triq Annidale Preca m'hemmx linja kontinwa;

3. Huwa minnu li ghalkemm vettura tkun qeghda tinstaq fuq in-naha l-ohra tat-triq dan ma jfissirx li l-htija ghall-incident ghandha awtomatikament tigi akkollata lis-sewwieq ta' dik il-vettura. Sewqan fuq in-naha hazina tat-

triq m'hijiex prova konkluziva tal-htija tas-sewwieq ghas-sinistru.

4. Fil-kaz odjern irrizulta li iktar l-isfel fejn sehh l-incident fi Triq Annidale Preca kien hemm vettura pparkjata fuq ix-xellug tal-vettura SUZ 356. Minhabba l-wisa' ta' Triq Annidale Preca is-sewwieq tal-vettura SUZ 356 kienet kostretta li tesporgi l-barra ghal fuq il-karreggjata ta' vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Madankollu, it-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghalfejn wara li l-vettura SUZ 356 ghaddiet ma' gemb il-vettura pparkjata ma regghetx hadet postha fuq in-naha l-ohra tat-triq. Mill-*ispot of impact* u l-posizzjoni tal-vetturi kif murija fuq l-iskizz jidher bic-cjar li l-vettura SUZ 356 ma kenitx qeghda fuq is-side taghha fil-hin ta' l-incident.

5. Min-naha l-ohra rrizulta mix-xhieda tal-konvenut li sabiex hareg fi Triq Annidale Preca huwa hares biss fir-*reflecting mirror* (ara l-iskizz li gie mhejji mill-pulizija li nvestiga l-kaz) li tinsab faccata ta' Triq Mirakli. Huwa minnu li minn Triq Mirakli is-sewwieqa ma kellhomx vizwali daqstant tajba ta' vetturi li jkunu gejjin minn fuq ix-xellug taghhom [bhal vettura SUZ 356]. Dan il-fatt kien jimponi fuq il-konvenut obbligu iktar oneruz li johrog fit-triq principali b'attenzjoni kbira. It-Tribunal jemmen li l-konvenut ma messux ibbaza d-decizjoni tieghu billi jhares biss fir-*reflecting mirror*. Din kellha sservi biss ta' ghajnuna ghall-konvenut li kien hiereg minn triq sekondarja. Kieku l-konvenut sporga ftit ftit il-barra kien ikun f'posizzjoni li jkollu vizwali tal-vetturi gejjin minn fuq ix-xellug tieghu u kien jara l-vettura SUZ 356 gejja minn fuq ix-xellug tieghu. Dan peress li Triq Annidale Preca hija fid-dritt. Jidher pero' li s-sewwieq ibbaza d-decizjoni tieghu fuq ir-*reflecting mirror* biss u rrizulta bic-cjar li l-gudizzju tieghu kien wiehed ghal kollox zbaljat. Inoltre u ghal kull buon fini jigi rilevat li sewwieq li jkun hiereg minn triq sekondarja ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha [bhal li jhares kemm fuq il-lemin u x-xellug tieghu qabel ma johrog fit-triq principali] u m'ghandu jipprezumi xejn. Il-fatt li l-konvenut ma rax il-vettura l-ohra jfisser li ma kienx attent fis-sewqan, u ghandu jgorr il-parti l-kbira tal-htija.

6. Wara li t-Tribunal qies ix-xhieda u l-konfigurazzjoni tat-toroq fejn sehh l-incident u l-elementi kollha li kkontribwew ghalih fid-dawl tar-regolamenti li kienu jiggvernaw is-sewqan tas-sewwieqa involuti fl-incident, jemmen li s-sewwieqa huma t-tnejn responsabbli, b'dan li l-konvenut huwa responsabbli ghal tlett kwarti mill-htija.

7. B'riferenza ghad-danni reklamati dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati u ma gew bl-ebda mod ikkontestati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u sebghin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm170.51), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez jinqasmu in kwantu ghal kwart ghas-socjeta attrici u tlett kwarti ghall-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------